**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Gunju, 2016

Rikors Guramentat numru : 101/15 AL

**A B**

**vs**

1. **C B K. f'isimha proprju u kif ukoll in rapprezentanza u fl-inteess tal-minuri K B u M B u**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tas-17 ta' Gunju 2015 gie kjamat fil-kawza P S**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-esponenti ikkonkluda att ta' separazzjoni personali mal-kovnenuta martu C B liema kuntratt gie ppubblikat nhar is-6 ta' Mejju, 2014, kopja qeghda tigi annessa u mmarkata Dok 'A', u kien proprju wara l-pubblikazzjoni tal-istess att li gie a konoxxenza tal-fatt li l-minuri K u M, ahwa B jistghu ma jkunux l-ulied biologici u legali tal-esponenti;

2. Illi l-esponenti sar jaf b'certezza wara li ssottometta lilu nnifsu u lil minuri ghat-test xjentifiku tad-DNA, fejn permezz tar-rizultat li nhareg nhar id-29 ta' Dicembru, 2014, irrizulta li l-esponenti mhuwiex il-missier biologiku tal-minuri, test tad-DNA anness u mmarkat Dok. 'B';
3. Illi kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid tal-minuri K B li jgib in-numru progessiv ta' registrazzjoni numru 3176/2006, anness u mmarkat Dok 'C', u certifikat tat-Twelid tal-minuri M B li jgib in-numru progessiv ta' registrazjoni numru 2094/2010, anness u mmarkat Dok 'D', l-esponenti jirrizulta bhala l-missier biologiku u legali tal-minuri;
4. Illi jirrizulta kjarament (vide test tad-DNA anness u mmarkat Dok 'B') li l-minuri K u M, ahwa B mhumiex ulied l-esponenti;
5. Illi, nonostante, l-minuri K u M ahwa B fl-Att tat-Twelid Dokument "C" u Dokument "D", annessi jidhru registrati fuq isem l-esponenti bhala l-missier u l-esponenti kategorikament qieghed jichad il-paternita' ta' l-istess minuri;
6. Illi ghalhekk l-esponenti ghandu interess illi jipprocedi sabiex tigi denegata l-paternita' tal-imsemmija minuri skont il-Ligi dan ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-attur mhuwiex missier il-minuri K B iben il-konvenuta C B kif jirrizulta dikjarat fl-att tat-twelid li jgib in-numru progessiv ta' registrazzjoni 3176/2006 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija;
2. Tiddikjara illi l-attur mhuwiex missier il-minuri M B bint il-konvenuta C B kif jirrizulta dikjarat fl-att tat-twelid li jgib in-numru progessiv ta' registrazzjoni 2094/2010 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija;
3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija K B u M B li jgibu n-numru progessiv ta' registrazzjoni 3176/2006 u 2094/2010

rispettivament u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess att tat-twelid tal-minuri K B u l-att tat-twelid ta' M B sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta", "fejn twieled", "fejn joqghodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhol il-kliem "unknown father" jew "father unknown" / jew kull isem jew dettal iehor li dina il-Qorti joghgobha tordna;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew minn minnhom ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li la darba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid taz-zewg minuri K B u M B, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-**Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex, wara li din il-Qorti tkun semghet lill-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikrorenti u taz-zewg minuri K u M, ahwa B, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;
2. Illi fl-istess waqt ir-rikorrent jrid ukoll jeghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat taz-zewg minuri K B u M B ma jaqbilx ma' l-att tat-twelid taghhom, bin-numru progressiv 3176 tas-sena 2006 u bin-numru progressiv 2094 tas-sena 2010, rispettivament;
3. Illi ghalkemm ir-rikorrentiipprezenta r-rapporti ta' testijiet genetici li jindikaw li huwa m'huwiex il-missier naturali taz-zewg minuri K B u M B, u li b'hekk sodisfattament ipprova talanqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-**Artikolu 70(1) (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** dawn

l-imsemmija rapport jonqsu li jigu mahlufin mit-tekniku li wettaqhom Dr Zachary Spicer.  Barra minn hekk dawn l-istess testijiet tad-DNA ma jinkludux it-testijiet genetici necessarji vis-à-vis l-omm C B u z-zewg minur K B u M B separatament.  In vista ta' dan ikun idoneju illi l-esponent umilment jitlob lil din il-Qorti sabiex tordna ai termini tal-**Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jitwettqu testijiet genetici ukoll fuq l-omm C B detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 331976 (M), sabiex ma jkunx hemm ekwivoci dwar l-identita' ta' l-istess minuri K u M, ahwa B, liema rapport ghandhom jkunu guramentati mit-tekniku li jwettaq l-imsemmija testijiet;

4. Illi jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess taz-zewg minuri K B u M B, illi l-intimata C B tispecifika  l-isem ezatt tal-missier naturali tal-minuri, halli b'hekk il-missier naturali rispettiv tal-minuri jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' l-**Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**  Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri K u M, ahwa B, tal-inqas ghandhom jkunu jafu min huwa l-missier naturali taghhom;
5. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam l-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti;
6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal premess, f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu z-zewg minuri K B u M B a tenur tat-tieni proviso tal-**Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
7. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, din il-Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid bin-numru progessiv 3176 tas-sena 2006 ghall-minuri K B u bin-numru progessiv 2094 tas-sena 2010 ghall-minuri M B;

8. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-eponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghadux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-esponenti taqbel mat-talbiet tal-attur kif dedotti hlief ghat-talba tal-attur illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri K u M taht taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija jitnizzel il-kliem “father unknown” jew “unknown father” u minflok titlob li anki ghal gid tal-minuri jitnizzel it-taghrif dwar isem u kunjom il-missier naturali;
2. Illi l-esponenti qeghda tipprezenta testijiet xjentifici li jikkonfermaw min hu il-missier naturali tal-minuri K u M liema dokumenti huma immarkati bhala Dok 1 u Dok 2 rispettivament;
3. Illi ghal din ir-raguni l-esponenti titlob illi jigi kjamat fil-kawza S (KI 354374M) li mit-testijiet xjentifici jirrizulta li huwa il-missier naturali tal-minuri K u M;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C B;

Rat in-nota ta' P S tal-24 ta' Novembru 2015 li permezz taghha ammetta u iddikjara “illi l-minuri **K B** u **M B** kif imnizzla fil-kawzali u talbiet tac-citazzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi huma t-tnejn li huma l-ulied naturali tieghu;”

“Illi inoltre l-esponenti qed jehmez ma dina l-umli nota dokument bil-konnotati tieghu;”

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat il-verbal tal-25 ta'Frar 2016 minn liema jirrizulta illi l-partijiet qablu li l-minuri ghandhom jassumu l-kunjom "S".

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex ic-certifikat tal-minorenni K B u M B jigi emendat fis-sens li jitnehha isem A B bhala l-missier tal-minuri u l-istess certifikat jigi emendat billi l-minuri jigu dikjarati li huma ta' "missier mhux maghruf". Madanakollu, pendenti l-kawza, gie kjamat fil-kawza P S li intavola nota ta' ammissjoni, li fiha huwa qieghed jiddkjara li huwa l-missier naturali tal-minuri u permezz ta' verbal datat 25 ta' Frar 2016[1], gie dikjarat mill-partijiet li l-minuri ghandhom jassumu l-kunjom S.

**Il-mertu tal-kaz odjern**

Illi gie ippruvat li l-attur issepara minn mal-konvenuta C B fis-6 ta' Mejju 2014 u dan premess li huwa ipprezenta vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni li sehhet bejniethom[2]. Gie ippruvat ukoll li l-attur ma hux missier il-minuri K u M B u dan permezz ta' DNA test li sar minn Zachary Spicer[3].

Illi l-konvenuta C B ipprezentat ukoll testijiet tad-DNA tal-minuri K u M B[4] li sussegwentement gew ikkonfermati bil-gurament

---

[1] Ara fol 62 tal-process

[2] Ara fol 4 tal-process

[3] Ara fol 18 u fol 19 tal-process

[4] Ara fol 37 sa fol 40 tal-process

minn Dr. Marisa Cassar[5] u jidher bic-car li missier il-minuri m'huwiex l-attur izda huwa l-kjamat in kawza P S.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, din giet sorvolata peress li l-attur ghamel rikors kif jirrikedi l-Artikolu 73 tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta liema rikors gie milqugh minn din il-Qorti[6].

Illi dwar it-tieni eccezzjoni li tittratta l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan allura li fi kliem iehor l-attur ma jistax jitlob stat kuntrarju ghal dak li ghandhom il-minuri fl-att tat-twelid u l-pussess ta' stat ta' tfal imwieldin minn koppja mizzewga, il-Qorti ser tezamina u tara jekk l-attur irnexxielux jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, u jekk ingabux provi sal-grad rikjest mill-Ligi, li juru li l-pussess ta' l-istat tal-minuri K u M B ma jaqbilx ma' l-att tat-twelid taghhom. F'dan il-kaz, il-Qorti tirrileva li kien ir-ragel tal-konvenuta C B u cioe' l-missier gia mnissel fic-certifikat tat-twelid tal-minuri li ghamel din il-kawza, biex fi kliem iehor inehhi lill-istess minuri minn fuq ismu. Illi gie ppruvat matul l-andament tal-kawza li t-tfal effettivament huma ulied ragel iehor, P S, u peress ukoll li kien hemm ftehim fis-sens illi l-istess P S kjamat in kawza jigi mnizzel bhala missier il-minuri, il-Qorti ma tistax ma tilqax it-talba ta' l-istess attur u tal-kjamat in kawza, li jigi rikonoxxut l-istess kjamat in kawza bhala missier il-minuri.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, din giet sorvolata wkoll u din tittratta l-mertu tal-kaz odjern, u il-Qorti tirrileva li l-attur irnexxielu

---

[5] Ara fol 56 tal-process

[6] Ara fol 46 tal-process

jipprova t-talbiet tieghu stante li huma ippruvati mit-testijiet tad-DNA esebiti in atti li juru li verament il-minuri K u M B m'humiex il-ulied naturali tieghu, izda huma l-ulied naturali tal-kjamat in kawza P S.

Illi r-raba' eccezzjoni giet sorvolata wkoll stante li P S gie kjamat in kawza u gie ippruvat li huwa l-missier naturali tal-minuri.

Illi s-sitt eccezzjoni wkoll giet sorvolata stante li, kif diga' gie indikat f'din il-kawza, l-partijiet qablu li l-minuri jassumu l-kunjom ta' "S".

Illi l-kjamat in kawza iddikjara li meta twieled il-minuri K B, huwa kellu 32 sena u kien residenti fil-lokalita' tal-Gzira filwaqt li missieru jismu W P S (li kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri). Id-data tat-twelid tal-kjamat in kawza hija t-26 ta' Lulju 1974 u ghandu l-karta ta' l-identita' numru 354374(M) u twieled fil-lokalita' tal-Pieta' Malta. Huwa iddikjara wkoll li meta twieldet il-minuri M B, huwa kellu 35 sena, u kien residenti fil-lokalita' tal-Gzira filwaqt li missieru jismu W P S (li kien haj meta twieldet il-minuri). Id-data tat-twelid tal-kjamat in kawza hija s-26 ta' Lulju 1974 u ghandu karta ta' l-identita' numru 354374(M) u twieled fil-lokalita' tal-Pieta', Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minorenni K B ma hux iben l-attur A B izda huwa iben il-kjamat in kawza P S;
2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-minorenni M B ma hix bint l-attur A B izda hija bint il-kjamat in kawza P S;
3. Tilqa' limitatament it-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri K B bin-numru t'iskrizzjoni 3176/2006 ihassar il-konnotati

kollha tal-missier u cioe' ta' A B u minflok jissostitwihom bid-dettalji kollha ta' P S, li ghandu karta ta' identita' numru 354374(M) iben, W P Sheehen li kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri, imwieled il-Pieta', Malta u li fiz-zmien meta twieldet it-tarbija kellu 32 sena u kien residenti Il-Gzira, tordna wkoll lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri M B bin-numru t'iskrizzjoni 2094/2010 ihassar il-konnotati kollha tal-missier u cioe' ta' A B u minflok jissostitwihom bid-dettalji kollha ta' P S, li ghandu karta ta' identita' numru 354374(M) iben, W P Sheehen li kien haj fiz-zmien meta twieldet il-minuri, imwieled il-Pieta', Malta u li fiz-zmien meta twieldet it-tarbija kellu 35 sena u kien residenti l-Gzira. Tordna li l-minorenni K u M B ghandhom jadottaw il-kunjom "S" minflok "B", bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 92(6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenuta C B u mill-kjamat in kawza P S in solidum bejniethom.